# Noli

Ħellow tfal,



Kif intom? Nispera li qed tieħdu gost fil-vaganzi tas-Sajf u qed tistrieħu. Fadlilkom ftit mhux ħażin x'tiddevertu u tilagħbu! Illum propju ddeċidejt li nghidilkom storja dwar xi tfal li kienu jħobbu jilagħbu l-logħba tan-noli. Naħseb tfal intom tafu kif tintlagħab din il-logħba hux? Ikun hemm tifel jew tifla li joqogħdu wiċċhom mal-ħajt u jgħoddu minn wieħed sal-għaxra sakemm it-tfal l-oħra jistaħbew. Imbagħad minn ikun wiċċu mal-ħajt ikun irid joħroġ lit-tfal kollha minn fejn ikunu mistoħbijin.

Samwel, fil-vaganzi kien iħobb imur jilgħab fid-dar tan-nanniet tiegħu. Hemm kienu jiġu l-kuġini u xi ħbieb tiegħu u joqogħdu jilagħbu flimkien. Darba, kien il-Ħadd wara nofsinhar u ftehemu li jilagħbu noli. Fid-dar tan-nanniet kien hemm ħafna postijiet tajbin fejn wieħed seta' jistaħba. Dawn it-tfal staħbew f'kull rokna fejn ħaddieħor ma setax jarahom.

Tifla minnhom, Marija, qagħdet wiċċha mal-ħajt sakemm it-tfal kollha staħbew. Kif lestiet tgħodd in-numri minn wieħed sal-għaxra bdiet tfittex lit-tfal. Damet tfittex mhux ħażin. Irnexxielha toħroġ mill-moħbiet lit-tfal kważi kollha, wieħed wieħed. Imma lil Samwel ma setgħetx issibu. Bdiet taqta' qalbha għalhekk talbet l-għajnuna tat-tfal l-oħrajn biex ifittxu lil Samwel huma wkoll. It-tfal kollha fittxewh għal ħin twil imma lil Samwel ma setgħux isibuh. Peress li beda jidlam bdew jgħajtulu kemm jifilħu imma kien kollu ta' xejn għax baqgħu ma sabuhx u telqu lejn id-dar.

Hekk kif Samwel ma sema' xejn iżjed madwaru ħareġ mill-moħba tiegħu. Issa ma kien sab lil ħadd. La kien hemm il-kuġini u lanqas ħbiebu. Kien hemm biss in-nannu Frans bilqiegħda fuq l-għatba jaqra l-gazzetta. Hekk kif Samwel ra lin-nannu ħa nifs il-ġewwa u nfexx jibki bikja kbira. In-nannu staqsa liċ-ċkejken għalfejn kien qed jibki. Waqt li Samwel baqa' jibki wieġeb li meta kien mistoħbi ħadd ma kien mar ifittxu lilu. Kif semgħu jgħid hekk, in-nannu dawwar idejh mat-tifel, għafsu miegħu u bil-ħlewwa qallu: "Mela bħal Ġesu'... dak ukoll...qiegħed moħbi fid-dinja... hu qed jibki, għax aħna mhux qed infittxuh!"

Tfal, kemm tkun ħaġa sabiħa li biex aħna ma nkunux bħal dawk li mhumiex ifittxu lil Ġesu', niftakru fih billi ngħidulu talba sabiħa kuljum. Nibdew minn filgħodu billi nirringrazzjawh għal-lejl tajjeb li jkun tagħna, qabel u wara l-ikel nirringrazzjawh għall-ikel li jkun ipprovdilna u filgħaxija qabel norqdu nirringrazzjawh tal-jum li jkun tagħna u nitolbuh jibagħtilna lejl tajjeb u ta' mistrieħ. Tajjeb ukoll li niftakru fih matul il-ġurnata u ngħidulu grazzi ta' kemm tana affarijiet sbieħ pereżempju tan-natura, tal-ġenituri u ħutna. Għandna nkellmu lil Ġesu' meta mmorru nżuruh fil-knisja u forsi nitolbuh ukoll xi grazzja li nkunu nixtiequ.

Nispera tfal li din l-istorja tal-lum għoġbitkom u tgħallimtu minnha wkoll. B'hekk żgur Ġesu jkun kuntent bina lkoll ... Nerġgħu niltaqgħu!